MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 425/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' C B datat 14 ta' April 2010, fejn din, ghar-ragunijiet hemm premessi talbet lil din il-Qorti joghgobha tilqa' l-gustifikazzjoni ghall-kontumacja tal-intimata, kif ukoll tawtorizzaha tipprezenta r-risposta guramentata taghha ghall-kawza fl-ismijiet premessi u tressaq dawk il-provi kollha in sostenn tal-verzjoni taghha, u dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta ta’ A B datata 25 ta’ Mejju 2010, li oppona ghal din it-talba ghar-ragunijiet imfissra fir-risposta tieghu in atti.

Ikkunsidrat illi l-principji li jirregolaw l-istitut tal-kontumacja huma ben stabbiliti. Fil-kawza “Margaret Bugeja u Tereza Azzopardi vs Alfred Ellul” (**JSP, deciza fit-13 ta’ Jannar 1999**), gie ritenut illi:

*1. “Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta u gustifikata jekk kienet volontarja.*

*2. Lanqas tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza.*

*3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.*

*4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f’impediment legittimu.*

*5. L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta’ tal-kontumaci.*

*6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa.*

*7. Dan l-impediment legittimu jista’ jkun kif intqal, “una necessita’ impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili”.*

8. *L-impossibilita’ li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta’ gravi, biex tista’ tikkostitwixxi mpediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista’ tkun morali.*”

Gie ritenut ukoll illi:

“*Hu stitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta’ kuntumelja u disprezz da parti ta’ min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma*

*jkollu gustifikazzjoni xierqa*" ("**Vivienne Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Lulju, 2001).

Fic-cirkostanzi, il-Qorti ma ssib ebda hjiel tal-kontumelja u disprezz kif fuq imsemmija.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba u tawtorizza lill-intimata tipprezenta r-risposta guramentata taghha fi zmien ghoxrin jum mil-lum.

L-ispejjez ta' dan l-incident jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Moqri.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------